MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 551/2004

**Miller Distributions Limited**

**Vs**

**Grace Aquilina f'isimha propja, kif ukoll bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem Kelly's Club**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm544.51 (hames mija u erbgha u erbghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu) prezz ta' diversi oggetti mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u interessi kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fid-29 ta’ Marzu 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fis-26 ta’ April 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------